KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-40 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru, 2015 u li bdiet fis-1.10 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |

**Uffiċċjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 39 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Green Wardens

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed nirċievu diversi lmenti rigward li xi uħud mir-residenti qedin jiksru l-operat tat-tindif u jħamġu l-ambejnt fir-raħal, dan peress li matul is-sajf fil-lokalita' qed ikun hawn ħafna aktar residenti barranin u li qed isir abbuż billi jitħalla skart domestiku barra meta mhux suppost speċjalment nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis meta dan ma jinġabarx u li ġieli qed jitħalla ħdejn xi bring in site minn li hawn fil-lokalita' u anke dwar ħmieġ tal-klieb li ma jinġabarx mill-art kif suppost li jsir mis-sidien. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jordna l-Green Wardens pajzana biex dawk li qed jiksru l-liġi jiġu mmultati. Il-Kunsillier Bajada staqsa lill-Kunsill jekk dan is-servizz hux ser isir b'xi ħlas u staqsa wkoll li jekk isir bi ħlas dan is-servizz kemm hu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja dwar dan mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Għawdex u l-kumpanija tal-Gwardjani Lokali. Il-Viċi Sindku ssuġġerit li dawn il-Green Wardens meta jiġu fil-lokalita' għandhom jgħamlu surprise inspections u li ħadd ma jkun jaf il-ħinijiet u meta ġejjin. Is-Sindku qal li xi residenti qed jinfurmawħ ukoll li l-kontenituri tal-bring in site speċjalment dawk tal-plastik qed ikunu mimlija aktar sikwit, għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Kumpanija GreenPak Ltd.

dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lill-Kunsill avviż li pprepara u li għandu jitqassam lir-residenti dwar is-servizzi kollha li joffri l-Kunsill dwar iż-żamma tal-indafa fir-raħal. Il-Kunsill qabel mal-kontenut ta dan l-avviż.

## 3. Tiġdid tal-Kuntratti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ kuntratti għat-tiġdid tagħhom għal sena oħra. Dawn huma:

Kuntratt 03/2013 Cleaning and maintenance of Playing Field in Triq Marziena mill-20.11.2015 sa 19.11.2016. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt lill-Kuntrattur – Għaqda tal-Armar għal sena oħra.

Kuntratt 04/2013 Cleaning and maintenance of Tal-Bidwi Park mill-1.11.2015 sa 30.10.2016. Il-Kunsill ma qabilx li jġedded dan il-kuntratt lill-Kuntrattur Lawrence Borg u qabel li dan ix-xogħol f'dan il-ġnien għandu jsir mill-ħaddiema tal-ETC (Community Work Scheme) li l-Kunsill għandu miegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt 07/2012 tal-Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens including of verges ser jiskadi nhar id-19 ta' Novembru 2015. Hu staqsa jekk din l-offerta hix ser terġa toħoġ. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt la ser jiskadi ma jerġax joħroġ u x-xogħol fi Triq Skerla, fuq il-ġibjun ta' Triq il-Kbira, ġnien fid-Daħla taċ-Ċnus, il-pots ta' Triq 28 ta' April 1688, il-funtana fi Triq l-Isqof David Cocco Palmeri u issa l-qsari fil-Pjazzetta tax-Xelina għandu jibda jsir ukoll mill-istess ħaddiema tal-ETC (Community Work Scheme) li l-Kunsill għandu miegħu.

Is-Sindku ssuġġerixxa li minn żmien għal żmien jekk ikun hemm bżonn ta' ħrit, żbir, tisqija jew trattament ieħor, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jqabbad lil xi ħadd biex jgħamel dan ix-xogħol. Rigward it-tisqija is-Sindku talab li toħroġ kwotazzjoni għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 4. Jum Dinji tat-tfal 2015

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħas-snin l-imgħoddija din l-attivita' fl-okkażjoni ta' Jum Dinji tat-tfal għadha ssir il-Ħadd 8 jew 15 ta' Novembru 2015 filgħodu, għat-tfal wara l-quddiesa tal-10.30 a.m. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita'. Waqt din l-attivata' għandhu jsir ġbir permezz tal-piggy banks b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-programm ta' din l-attivita għandu jsir bħal dak tas-sena l-oħra, fejn jinkera PA system, logħob għat-tfal bħal bouncing castle, jingħata frott u ilma u magician. Il-Programm finali għandu jkun mfassal sal-laqgħa li jmiss.

## 5. Milied 2015

Il-Kunsill qabel li bħas-sena l-oħra għandu joħroġ sejħa u jiġbor kwotazzjonijiet għat-tiżjin bid-dwal dekorattiv ta' Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margerita.

Il-Kunsill staqsa jekk dwar it-tiżjin b'dawl dekorattiv tas-siġra l-kbira tal-awrikarja tal-Pjazza Santa Margerita, l-Kunsill kienx irċieva riposta mill-Kumitat tal-Milied fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu għad ma għandux risposta bil-miktub

dwar dan, għalhekk hu ser jerġa jibgħat reminder lil dan il-Kumitat. Is-Sindku qal li jekk din is-siġra tinxtgħel meta tinxtgħel isir kunċert fil-Pjazza.

Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija ser jqassam kaxxa gallettini lir-residenti anzjani fid-djar tal-lokal.

## 6. Materji oħra

***Fis-2.10 p.m. din il-laqgħa ġiet sospiza mis-Sindku peress li għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sinjura Juliet Attard li xtaqet titkelem mall-Kunsill dwar tabelli fil-Pjazzetta tax-Xelina.***

Pjazzetta tax-Xelina

Il-Laqgħa tkompliet fis-2.23 p.m. fejn il-Kunsill iddiskuta materja dwar bejjiegħ tal-ħaxix u l-frott li dan kien ibiegħ fil-Pjazzetta tax-Xelina qabel sar il-proġett ta' din il-Pjazzetta u li jixtieq li jkompli jbiegħ minn hemm iżda peress li twaħħlu 3 tabelli *"For light vehicles only"* dan il-bejjiegħ qed jgħid li ma jistax jieqaf kif kien jagħmel qabel. Il-Viċi Sindku talbet li dawn it-tabelli jinqalgħu. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fehmu lill-Kunsill li dawn it-tabelli twaħħlu biex it-traffiku ma jsib l-ebda ostaklu madwar din ir-roundabout li saret. Is-Sindku nforma lill-kunsill li qed jagħmel ukoll l-almu tiegħu biex issir iż-żebgħa tal-art tas-sinjali tat-traffiku biex josservahom il-pubbliku nġenerali u jdur mar-roundabout kif suppost. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li jsiru double yellow lines fuq in-naħa taħt fejn hemm il-gallerija l-antika u n-niċċa tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq Xabbata fejn qed isir parking u li meta tiġi biex iddur kif suppost issib ostaklu bil-vetturi pparkjati. Il-Viċi Sindku ssuġġerit li għandhom jsiru diversi slow slabs fl-art fuq it-tlett toroq dik ta' Triq ix-Xabbata, Triq Saguna u Triq il-Kbira. Għalhekk il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar dan.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-litter bins li kellhom jitwaħħlu dan l-aħħar fil-Pjazzetta tax-Xelina xi residenti ma ridux li dawn jitwaħħlu fuq il-bankina quddiem id-dar jew garaxx tagħhom. Għalhekk il-Kunsill qabel li jixtri litter bin ieħor pariġġ biex dawn jitwaħħlu fil-Pjazza Santa Margerita.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl mir-Reġjun ta' Għawdex dwar Proġett fuq l-Għolja ta' Għammar mill-Europe Direct dwar tħawwil ta' siġar u li l-Prezz għal kull siġra hu ta' €7.00c. Il-Kunsill ma ħax deċizzjoni dwar dan.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-attivita' *The Organ Festival* li issa għandna d-dati ffissati ta' dawn il-kunċerti u li bihom nfurmajna lill-Arċipriet peress li ser isiru fil-knisja parrokkjali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Arċipriet infurmah li l-orgni tal-Knisja għandu bżonn ta' xi restawr. Il-Kunsill qabel li dwar dan ser jitkellem mall-Arċipriet waqt laqgħa li ser issir apposta miegħu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgha mall-Arċipriet ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru, 2015 fis-7.00 p.m., fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri kollha sabiex ikunu preżenti. Id-dati tal-kunċerti huma:
   Is-Sibt 28.11.2015 (organ u cello)
   l-Erbgħa 2.12.2015 (organ u trumpet)
   Sibt 5.12.2015 (Gala Concert)

Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li l-organizzatur ta dawn il-kunċerti jixtieq li jsiru masterclasses fil-vjolin u c-cello kemm il-darba l-Kunsill jipprovdilhom post. Il-Kunsill qabel li dawn jistgħu jużaw is-sala tal-Kunsill.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill dwar materji li tqajmu mill-udituri tal-ARPA minn dawk il-miżuri li l-Kunsill ibbenefika mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk ARPA qed titlob xi dokumenti li għandhom bżonn biex il-kuntratturi jkunu jistgħu jitħalsu.

   Minn Miżura 323 - Dwar Bini tal-Ħitan tas-sejjieħ fejn dawn talbu spjegazzjoni dwar it-tiġdid tal-garanzija bankarja tal-Kuntratt fejn il-Kunsill ser iwieġeb li dan ix-xogħol huwa lest u li l-Kunsill ma ġiex bżonn din il-garanzija.

   Minn Miżura 313 - Ġnien tal-Bidwi dawn talbu spjegazzjoni għaliex fil-minuti tal-Kunsill ma tniżlux min kienu l-membri tal-bord maħtur fuq it-Tender 02/2013 *Provision and commissioning of a solar power CCTV system.* Il-Kunsill qabel li dawn l-ismijiet żgur li ma tniżlux fuq il-minuti tal-Kunsill bi żvista dak iż-żmien, dan għaliex il-bord għamel ix-xogħol tal-aġġudikazzjoni u li dan żgur kien mqabbad mill-istess Kunsill. Għalhekk l-Kunsill qabel li l-ismijiet tal-bord maħtur ser jitniżlu fil-minuti tal-lum għaliex dan il-bord għamel ix-xogħol tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni ta' din l-offerta mid-dokumenti li għandu l-Kunsill stess u li dan kien kompost minn Edward Scerri, Eman Curmi u Christian Zammit.

   Dwar Tender 09/2013 Design and execution of Project Website setting up of an ICT platform and creation of hunts and games fil-Ġnien tal-Bidwi dawn talbu spegazzjoni dwar subcontactor. Il-Kunsill irid jinforma li fl-offerta ma kienx imniżżel subcontractor. Hawn hekk ukoll talbu minn kien il-bord tal-evalwazzjoni w l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta għaliex fil-minuti ma nstabx minn min kien kompost dan il-bord. Il-Kunsill qal l-istess, ġa la hemm id-dokumenti li jixdhu li dan ix-xogħol sar minn bord apposta kien bi żvista li dan il-bord ma tniżżilx fuq il-minuti ta' dak iż-żmien, għalhekk ser jniżżilhom fil-minuti tal-lum. Il-Bord kien kompost minn Edward Scerri, James Grima u Christian Zammit.

   Minn Miżura 125 - Kisi bil-konkos b'impatt abjentali ta' Triq Bardan.
   Dwar din l-Miżura ġibdu l-attenzjoni għaliex l-offerti miġbura għal dan ix-xogħol ma nfetħux fid-data u l-ħin tal-egħluq nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014 fl-10.00 ta' filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lill-ARPA li dawn ifetħu fl-4 ta' Lulju 2014 waqt il-laqgħa tal-Kunsill għaliex dak inhar tal-egħluq tal-offerta l-Kunsillieri ma setgħux jattendu u li dawn l-offerti mixħuta f'kaxxa apposta tal-offerti kienu maqfula u ssiġillati.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jiġi preżentat it-tieni parti tal-kontijiet ta' Gatt Tarmac Ltd. tal-Pjazzetta tax-Xelina (M 313 - 2nd call) bl-ammont ta' €37,420.57. L-ewwel parti tal-kont li kien ppreżenata minn Gatt Tarmac Ltd kien ta' €39,056.70 u li dawn ġew iċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li ssa dalwaqt ser nirċievu ukoll il-kont ta' Xerri's Garden Centre għall-għamara ta' din il-Pjazzetta.

5. Is-Sindku qal lill-Kunsill li nġabret hand quotation mingħand Lawrence Borg għax-xogħol ta' sistema ta' rrigazzjoni għat-tisqija tas-siġar fil-Ġnien tal-Bidwi. Il-prezz għal dan ix-xogħol hu ta' €1100.00c. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol biex is-siġar ta hemm hekk jissaqqew regolarment.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fl-1 ta' Settembru 2015 beda u ġie ffirmat il-Kuntratt il-ġdid tal-ġbir tal-Bulky Refuse ma' White Horse Recycling Limited. Dan is-servizz ser jibda jsir kull nhar ta' Tlieta filgħodu.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-monument tas-Surmast Vincezo Caruana Spiteri li hemm mal-funtana fi Triq l-Isqof David Cocco Palmeri għandu bżonn restawr peress li ż-żebgħa tiegħu nieżla minn fuq dan il-monument. Hu qal ukoll li din il-pjazzetta għandha tiġi msebbħa minn fondi ewropej, għalhekk talab lill-Kunsill preżenti biex kull min għandu xi suġġerimenti dwar dan it-tisbieħ jinfurmah biex meta joħorġu l-applikazzjonijiet meħtieġa dan ix-xogħol/pjanti ikun lest. Il-Kunsill għandu jara x'inhu l-aħjar li jsir dwar dan.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill irċiva imejl mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar Konferenza bl-isem Proġett Local-Sats li ser issir il-Grand Hotel f' Għajnsielem nhar it-30 ta' Settembru mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., biex minn hu nteressat li jattendi javżah minn qabel.

9. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi residenti kienu qed jilmentaw dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija u għalhekk hu tkellem mall-librara u mad-Dipartiment tal-Libreriji f'Għawdex dwar il-bdil tal-ħinijiet ġodda tal-Librerija. Sar qbil mill-Kunsill li l-ħinijiet il-ġodda għandhom ikunu kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa mis-2.15 p.m. sal-4.15 p.m. u nhar ta' Sibt 8.30 a.m. sal-11.30 a.m.

10. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu attenda għal laqgħa apposta dwar il-European Week for Waste Reduction li saret fl-Uffiċċju tal-NGO Centre, Ix-Xewkija fejn kienu mistiednin is-Segretarji Eżekuttivi. Dan l-avveniment Ewropew ser jsir mill-21 sad-29 Novembru 2015. Ġew ssuġġeriti diversi attivitajiet fosthom dawk tal-ġbir ta' kotba u ħwejjeġ użati.

11. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li hu attenda għal diversi laqgħat apposta dwar il-pipe line bejn Hondoq ir-Rummien u l-Ġibjun Ta' Ċenċ bi pjaċir ħabbar li fuq it-talba li kienet ilha għal ħafna snin tintalab lill-Kunsill mir-residenti li jgħixu fi Triq tal-Ġruwa ssa ġiet milqugħa u li se toħroġ kwotazzjoni dwar dan mill-Ministeru għal Għawdex u l-WSC biex jsir kanal ieħor għall-ilma tax-xita f'din it-triq.

12. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li dan ix-xogħol fuq it-toroq minn fejn għadda l-pipe line u jingħata l-wiċċ ġdid bit-tarmak, il-junction ta' Triq Ta' Ċenċ, Triq tal-Gruwa, Triq Marsilja u Triq Duq Luqa għandha tiġi msebbħa.

13. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li mis-servizz tat-transport li l-Kunsill organizza għar-residenti li attendew l-erbgħat għal Ta' Pinu għal ħmistax il-ġimgħa ngabar l-ammont ta' €263.00c minn dawk li kienu jattendu.

14. Il-Kunsilliera Margaret Said talbet lill-Kunsill biex tkun taf kif baqa rigward il-pajp li kien sar fi Triq il-Kbira ħdejn il-ġibjun. Il-Kunsill qabel li din il-pajp għandha tinsadd bil-konkos mill-Kuntrattur Vella Bros. Ready Mix Ltd.

15. Il-Kunsilliera Margaret Said issuġġeriet lill-Kunsill li fuq talba mir-residenti, l-Kunsill għandu jorganizza ħarġa għal Malta. Il-Kunsill qabel ma dan u li din il-ħarġa ser issir

nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2015. Il-Programm ta din il-ħarġa kulturali ser tkun tikkonsisti:
Monti tal-Mosta
Żjara lil President ta' Malta (H'Attard)
Il-Belt Valletta
Ir-Rabat – Grotta u Knisja ta' San Pawl

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

| | |
|---|---|
| 19/2015 | Ħinijiet ta' Ġbir ta'skart mill-Kunsilli Lokali |
| 21/2015 | L-Immaniġġjar tal-iskart elettriku u elettroniku (l-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali |
| 22/2015 | Skema dwar inizjattivi u attivitajiet kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015. |
| 23/2015 | Stedina mill-ministeru ghall-finanzi – konsultazzjoni ta' qabel il bagit 2016. |
| 24/2015 | Professional development award in improving public management and governance at local level. |

**7. Ilmenti u suġġerimenti**

1. Ilment mingħand is-Sur Joe Galea ta' Triq il-Kbira dwar concrete hump żgħir quddiem id-drive in tiegħu biex jevita d-dħul tal-ilma fil-passaġġ privat tiegħu. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-familja Azzopardi ta' Blacktown fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri talbet li ssir bankina ġdida quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill qabel il-bankina issir.

**8. Ħlas ta' Kontijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 19 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**9. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fit-3.35 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru 2015, fis-1.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**